# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 599/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gareth Chlach (illum Fava)**

Illum 27 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Gareth Chlach** (illum Fava), detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 438998(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

talli nhar l-għaxra (10) ta' Settembru 2021 għal ħabta ta' 9pm ġewwa Bormla:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħeb tiegħu *OMISSIS* f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq

il-persuna ta' *OMISSIS*, hekk kif iċċertifikat Dr. Stephanie Frendo (Med. Reg. 3223);

2. insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħeb tiegħu *OMISSIS;*

3. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lis-sieħeb tiegħu *OMISSIS* jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

talli nhar l-għaxra (10) ta' Settembru 2021 għal ħabta ta' 9pm u fis-siegħat u/jew ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Bormla u inħawi oħra madwar il-Gżejjer ta' Malta:

4. ikkaġuna lis-sieħeb tiegħu *OMISSIS*, biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu liema delitt twettaq ripetutament u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

5. kellu fil-pussess tiegħu *'droga'* u/jew *'sustanza psikoattiva ġdida'* hekk kif definita f'Artikolu 118A(1) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta);

6. kiser Order ta' *Probation* a tenur ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta minn Maġistrat Dr. Nadine Lia, fejn ġie liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' *OMISSIS* jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika Artikoli 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni

tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Marzu 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(d), 222(1)(a), 202(h),[1] 251B(1)(2), 251H(a)(b)(f) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 40A, 118A(1), 120A(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u Regolamenti 3 u 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 31.18 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u

- ikkundannatu għall-piena ta' erbgħa u tletin (34) xahar priġunerija li minnhom kellu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

- *Ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tliet (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga, liema Ordni ġie anness mas-sentenza.

- Ġialadarba l-imputat instab ħati li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* tas-17 ta' Jannar 2020, il-Qorti ttrattat miegħu għal dan il-ksur u konsegwentement, wara li rat Artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u reġgħet rat Artikoli 17(b)(ġ), 31, 49, 50, 257D(1)(c), 261(a) u 262(1)(a), kif ukoll rat Artikolu 276 tal-Kapitolu 9 tal-

[1] "Ovvjament l-aggravju – kontemplat kemm bl-Artikolu 202 kif ukoll bl-Artikolu 222 – ġie applikat darba biss ġaladarba dawn id-dispożizzjonijiet, f'ċirkostanzi bħal dan il-każ, jiġu *overlapping*."

Liġijiet ta' Malta, trattat mal-ħati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom instab ħati fis-17 ta' Jannar 2020, daqs li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati u konsegwentement ikkonfermat is-sejbien ta' ħtija kif jirriżulta minn dik l-imsemmija sentenza u kkundannatu għal sena priġunerija.

<u>Għalhekk l-imputat ġie ordnat mill-Qorti sabiex iservi b'kollox terminu ta' sitta u erbgħin (46) xahar priġunerija</u>.

- Il-Qorti ordnat sabiex isem il-vittma ma jixxandarx fi kwalunkwe mezz ta' xandir inkluż f'gazzetti u dan sabiex ma jkunx hemm *secondary victimization*.

- Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza flimkien mal-Ordni ta' Trattament jintbagħat lid-Dipartiment għal *Probation* u *Parole*.

- *Ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' *OMISSIS* għal żmien tliet snin.

- Finalment, *ai termini* ta Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-2 ta' April 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkużi dedotti u kontra tiegħu u in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena inflitta ta' sitta u erbgħin (46) xahar priġunerija u minflok tinfliġġi piena ekwa u ġusta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-21 ta' April 2025.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2025, lill-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali tinforma lill-Qorti li ma kellha xejn aktar x'iżżid mar-Risposta tal-Avukat Ġenerali hawn fuq imsemmija.

Rat illi minkejja li l-konsulent legali tal-appellant ingħata żmien sabiex jippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet huwa baqa' ma ppreżenta l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Marzu 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwarda każ ta' vjolenza domestika fejn l-appellant u l-*parte civile OMISSIS* kienu ilhom f'relazzjoni għal numru ta' xhur qabel l-akkadut. Jidher li madwar erba' (4) xhur qabel l-akkadut bdew abbużi minn naħa tal-appellant kontra l-*parte civile*. Jingħad li fl-10 ta' Settembru 2021 għal ħabta tad-9.00pm waqt li l-*parte civile* kienet id-dar hija semgħet tieqa tissabbat. Jirriżulta li l-appellant kien daħal mit-tieqa u beda jitlob il-*mobile* tal-*parte civile* sabiex iċempel. Il-*parte civile* tat il-*mobile* lill-appellant waqt li dan ħareġ mid-dar tagħha. Il-*parte civile* talbet lill-appellant jagħtiha lura l-*mobile* b'dan illi l-appellant tefa l-*mobile* tal-*parte civile* mal-art u meta ngabar minnha, l-appellant taha daqqa ta' ponn f'wiċċha. Allegatament b'riżultat tad-daqqa ta' ponn il-*parte civile* soffriet ksur fl-imnieħer. Eventwalment l-appellant allura imputat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fejn huwa ġie akkużat bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti nżammu numru ta' seduti li fihom nstemgħu numru ta' xhieda b'dan illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 188) l-appellant allura imputat ammetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-uniku aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda gravuża fiċ-ċirkostanzi tal-każ. L-appellant jagħmel riferenza għal ġurisprudenza fejn jingħad li f'ċirkostanzi fejn persuna tammetti huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrentra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Jisħaq li din il-Qorti għandha tidħol f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha u għandha tara li l-piena nflitta kienet eċċessiva fejn hemm x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li ngħatat fejn suppost il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tiegħu u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament ir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* fejn ġie rakkomandat li jingħata sentenza ta' priġunerija sabiex f'post ikkontrollat ikun jista' tabilħaqq jiġġieled il-vizzju tad-droga li hu ilu maħkum minnha sa minn eta' ta' tlettax-il sena. L-appellant jargumenta li din il-Qorti għandha tkun moralment konvinta li huwa meħtieġ sabiex ma tintilifx l-opportunita' għalih li bih jerġa' jirritorna fit-triq it-tajba u jirriforma ruħu u jfieq u joħroġ minn xi abbuż, bħal ma huwa dak tad-droga li ilu maħkum minnha minn eta' żgħira.

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellant huwa limitat għal piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu partikolarment dik fejn huwa ġie kkundannat iservi b'kollox sitta u erbgħin (46) xahar priġunerija.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William Caruana** (Numru 340/2019) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "4. Il-ġurisprudenza tgħallem li appell minn piena f'każ fejn l-appellant ikun irreġistra ammissjoni quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkun biss kemm-il darba l-piena ma tkunx tirrientra fil-parametri legali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, stqarret hekk:
>
> > Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taħhna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tippreffiġġi l-liġi.**[2] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.
>
> 5. Il-fatt li ammissjoni tkun saret fi stadju bikri tal-proċeduri ma jfissirx illi l-imputat għandu dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena u dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna. Hekk stqarret il-

[2] "Enfasi ta' din il-Qorti."

Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Grazio Calleja** deċiża nhar is-16 ta' Mejju 2001:

> Għalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni għal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bħal ma dejjem ingħad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu w jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proċeduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

6. Inoltre f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the

Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, *'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'* (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

7. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn

din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita', dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga' ngħad, *"sentencing is an art rather than a science"* u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

8. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibbilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, hija tinnota li fil-każ odjern intużat vjolenza

fiżika fuq il-*parte civile* mill-appellant fejn dan ta daqqa ta' ponn ġo imnieħer il-*parte civile* b'riżultat ta' ksur.

Illi l-ġurisprudenza nostrana tgħallem li meta jkun hemm vjolenza fuq il-persuna l-piena l-aktar rakkomandabbli hija dik ta' piena ta' priġunerija effettiva. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Fit-tieni lok l-appellant stqarr li l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. L-appellant jgħid li l-ewwel qorti għamlet żball meta ġiet biex tapplika l-piena għaliex qieset il-piena li għandha timponi hija waħda ta' priġunerija mandatorja. Jingħad bla tlaqliq dan mhux minnu għaliex l-ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenzi ta' din il-Qorti li jgħidu li f'każ ta' aggressjoni konsistenza fi vjolenza fiżika fuq persuna l-piena idoneja hija dik ta' priġunerija. Naturalment dan ma jfissirx li hija mandatorja iżda li hija rakkomandabbli. M'hemmx dubju li l-piena mogħtija taqa' fil-parametri tal-liġi. Issa huwa ormai paċifiku li illi fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti."

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li minkejja l-ammissjoni tal-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti u minkejja li quddiem din il-Qorti l-konsulent legali tal-*parte civile* informaha li kien hemm rinunzja da parte tal-istess *parte civile* fir-rigward ta' dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll is-segwenti:

- l-ammissjoni tal-appellant ma kinitx waħda bikrija;

- mill-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita quddiem din il-Qorti jirriżulta li l-appellant għandu fedina penali mhux nadifa;

- in-natura serja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant u li tagħhom huwa nstab ħati;

- fil-*Pre-Sentencing Report* (Dok. "RAC" – *a fol.* 194 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Rona Agius Custo jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 203):

  *"Għaldaqstant, mill-informazzjoni miġbura kif ukoll minħabba n-natura tal-akkużi, qed jiġi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Gareth Fava jingħata piena ta' priġunerija effettiva, fejn f'dan il-perjodu jekk kemm-il darba l-imputat juri motivazzjoni ġenwina, ikun jista' jingħata l-opportunita' li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mil-vizzju tad-droga. Dan għaliex minkejja li huwa diġa' ngħata diversi opportunitajiet min-naħa tal-Qorti sabiex jirriabilita ruħu permezz ta' sanzjonijiet fil-komunita', m'għarafx jisfrutta dawn l-opportunitajiet. Minbarra dan, meta kien fil-komunita' huwa lanqas ma għaraf jilqa' l-għajnuna offruta lilu fir-rigward tal-problema tad-droga matul il-kumpilazzjoni tar-rapporti fil-konfront tiegħu."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat mhux talli taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi, talli hija waħda korretta u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għandu jingħad li ma tressqet l-ebda raġuni valida li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena msemmija. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Gareth Chlach (illum Fava) u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi

kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**